# Politika ta' Żvelar tad-*Data* tar-Reġistrazzjoni

## Introduzzjoni

Din il-politika tiddeskrivi taħt liema kundizzjonijiet tista' tiġi żvelata d-*data* tar-reġistrazzjoni tad-detenturi tal-isem ta' dominju lil partijiet terzi li juru interess leġittimu permezz ta' talba motivata kif xieraq (minn hawn 'il quddiem il-"Politika").

## Talba leġittima u debitament motivata

Trid tintbagħat talba debitament motivata għall-iżvelar tad-*data* tar-reġistrazzjoni ta' detentur tal-isem ta' dominju billi timtela l-formola għall-iżvelar tad-*data* tar-reġistrazzjoni.
It-talbiet għall-iżvelar tad-*data* tar-reġistrazzjoni jistgħu jiġu sottomessi bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

## Evalwazzjoni u Żvelar

Malli jaslu, tali talbiet għall-iżvelar tad-*data* tar-reġistrazzjoni jiġu evalwati u jaf tintalab evidenza addizzjonali għal-leġittimità tat-talba.
F'każ li t-talba tinstab li hi leġittima, id-*data* tar-reġistrazzjoni tiġi żvelata bla ħlas fi żmien tnejn u sebgħin (72) siegħa. Id-*data* rilevanti se tiġi żvelata permezz tal-pjattaforma kriptata tagħna lill-indirizz elettroniku ta' min talabha, li jkun indikat fil-formola.
F'każijiet urġenti d-*data* rilevanti tiġi żvelata fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa, dment li tintwera l-urġenza. Jeżistu każijiet urġenti jekk l-użu ta' isem ta' dominju jista' jwassal għal sitwazzjonijiet li jipperikolaw il-ħajja u/jew għal ħsara irreparabbli.
F'każ li talba tiġi miċħuda, tingħata spjegazzjoni motivata u ġustifikata.
Id-detenturi tal-isem ta' dominju la jiġu infurmati bit-talba għad-*data* tar-reġistrazzjoni u lanqas bl-iżvelar tagħha.
It-talbiet kollha u l-iżvelar kollu jiġu rreġistrati u d-*data* personali tiġi żvelata f'konformità mal-Politika ta' Privatezza tagħna.

## Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà

Din il-Politika tista' tiġi rieżaminata u mmodifikata fi kwalunkwe mument, f'liema każ il-Politika modifikata ssir effettiva mal-publikazzjoni fuq is-sit web pubbliku tagħna.
F'każ ta' diskrepanza bejn il-verżjonijiet lingwistiċi differenti ta' din il-Politika, għandha tipprevali l-verżjoni Ingliża.